# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 256 – It-Tnejn 26 ta' Novembru, 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku s-sur Ryan Callus
Il-Kunsilliera s-Sinj. Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Mario Cachia
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 255 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 FINANZI

### 2.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

# 3 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 Servizz tal-Arriva**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-sur Clint Galea, rappreżenant tal-Arriva infurmah permezz ta' email li lesti li jiltaqgħu mal-Kunsill imma mhux li l-pubbuliku jkun preżenti. Mariette Borg qalet li għalkemm dan mhuwiex il-pjan oriġinali tal-Kunsill, madonkollu ipproponiet li l-laqgħa xorta waħda għandha ssir.

Is-Sindku qal li hu kien tkellem dwar is-sitwazzjoni fil-laqgħa tas-Sindki organizzata mill-AKL fejn ikkumenta dwar l-ilmenti li saru mal-Kunsill dwar is-servizz tal-Arriva. Huwa poġġa fuq il-mejda kopja tar-rapport li ippreżenta lill-AKL dwar din il-materja.

Il-Kunsillier Dr Mark Vassallo qal li l-pubbliku għandu jkun infurmat b'dak li qed jagħmel il-Kunsill dwar din il-materja.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Sejħa ta' tliet kwotazzjonijiet għal *Traffic Management Consultant.***

Is-Sindku qal li ila tinħass il-ħtieġa li jsir pjan komprensiv tat-traffiku b'mod partikolari fil-qalba tal-lokalità. Għal dan il-għan huwa ippropona li jintalbu tliet kwotazzjonijiet għal traffic management consultant.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

4.2 **Kuntratt Patching works LCS 39/09**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien għalaq fil-31 t'Awwissu u għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir estensjoni tiegħu sal-31 ta' Diċembru u tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.
Is-Sindku ippropona li għandna naċċettaw din it-talba. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3 Aġġudikazzjoni: Servizz ta' Perit/konsulent Wirt Storiku LCS 19/2012**

Is-Sindku qal li wara li eżamina l-offerti, hu tal-fehma li din l-offerta m'għandniex tingħata u tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti fi żmien aktar 'il quddiem skont meta jiddeċiedi l-Kunsill. Huwa ippropona, għalhekk, li jitwaqqaf il-proċess tal-aġġudikazzjoni u l-offerenti jingħataw lura l-ħlasijiet tax-xiri tas-sejħa tal-offerti.

Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Aġġudikazzjoni: sejħa għal provista ta' cold asphalt LCS 30/2012**

Is-Sindku qal li kienu hemm żewġ offerti u ippropona li għandna nilqgħu dik ta' Central Asphalt għaliex hija l-irħas waħda.
Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

## 5.1 Infurzar Lokali

Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun ġiet ippreżentata talba mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi fejn dan qed jitlob biex ir-Reġjun jagħti minn tal-inqas 10 fil-mija tad-dħul miċ-ċitazzjonijiet lil-lokalitjiet li fihom ikunu nħarġu l-multi.

Is-Sindku qal li jekk dan iseħħ, Kunsilli kbar ikunu qed jiġu ivvantaġġjati u għalhekk ippropona li l-Kunsill Lokali Siġġiewi jieħu pożizzjoni kuntrarja għal din it-talba.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 5.2 Kunsill Lokali Żgħażagħ

Is-Sindku qal li l-ftuħ tal-wirja fotograkika tax-xogħlijiet imtellgħin miż-żgħażagħ se tinżamm nhar it-13 ta' Diċembru fis-6:30pm u tiġi inawgurata mill-Onor. Clyde Puli. Huwa ippropona li l-Kunsill għandu japprova l-ħlasijiet marbutin ma' dan il-proġett skont l-estimi ippreżentati f'seduta preċedenti.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 5.3 Bins għall-ħmieġ tal-klieb

Is-Sindku ippropona li għandna nitolbu għal kwotazzjonijiet ta' ħmieġ tal-klieb.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.4 Road Markings Triq il-Ħesri

Minħabba l-iżvilupp li qed isir fi Triq il-Ħesri kantuniera ma' Triq Dr Nikola Zammit. Huwa kien se jikkuntattja lir-residenti tal-faċċata biex jara jsibux oġġezzjoni li jsiru *double yellow lines* b'mod temporanju sakemm jitlestew ix-xogħlijiet u b'hekk jiġi evitat kull periklu.

## 5.5 Parking Bays għall-muturi fil-pjazza

Il-Viċi-Sindku staqsa dwar id-deċiżjoniji li kienet ittieħdet dwar il-parking bays għall-muturi fil-pjazza. Is-Sindku qal li l-aktar parking bay qrib Triq il-Qajjied se tinbidel f'żewġ parking bays tal-muturi.

## 5.6 Qsari fil-pjazzetta ta' Ramija Housing Estate

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issuġġerixxa li f'din il-pjazzetta jsiru diversi qsari mdaqqsin. Is-Sindku qal li għandna nitolbu kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tagħna.

## 5.7 Latrina tal-Pjazza

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li diversi nies igergru li l-pixxaturi huma għoljin u għalhekk issuġġerixxa li ssir forma ta' għatba bil-madum.
Is-Segretarju Eżekuttiv se jsegwi din il-materja.

**5.8 Roundabout Triq Santa Margerita/Triq Papa Pawlu VI**

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' din ir-roundabout. Is-Sindku qal li se jsegwiha mal-Perit tal-Kunsill.

**5.7 Aċċess fi Triq San Nikola**

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li l-aċċess għal min juża s-siġġu tar-roti ħdejn l-għajn tal-ilma fi Triq San Nikola huwa diffiċli u ssuġġerixxa li jersqu l-parking bays b'metru biex b'hekk jinħoloq aċċess.
Din il-materja se tiġi segwita mill-*Works Manager.*

**5.8 *Bus shelter* fil-Pjazza**

Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar din il-materja.
Is-Sindku qal li kien se jsegwiha mal-Perit tal-Kunsill.

**5.9 Arblu tad-dawl fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien kellem lill-inġinier tal-Enemalta dwar l-arblu li hemm fi *taffic island* fl-imsemmija triq qrib Triq l-Imqabba, għax dan kien ta' periklu. Dan kien qal li jsita' jtneħħa u jsir fil-bankina tas-service road. Madankollu, kollox baqa' kif kien.
Is-Sindku qal li din il-materja għandha tiġi segwita mis-Segretarju Eżekuttiv.

**5.10 Mera fi Triq l-Imqabba**

Il-Kunsillier Mario Cachia ippropona li ssir mera fi Triq l-Imqabba.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.11 *Retaing walls***

Il-Viċi-Sindku talab kjarifa dwar ta' min hija r-responsabbiltà taż-żamma tar-*retaing walls*. Is-Sindku qal li din il-materja trid tiġi ċċarata minn Transport Malta.

**5.12 Christmas Festival fl-MFCC**

Is-Sindku qal li bħala membri tal-Leader Majjistral, il-Kunsill se jipparteċipa fil-Christmas Festival li se jsir fl-MFCC bejn is-7 u d-9 ta' Diċembru. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera biex ikunu preżenti f'xi ħinijiet fl-istand tal-Kunsill.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru fis-7.00 p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 17 ta' Diċembru, 2012**

Kunsill Lokali Siggiewi | Skeda Nru. 256

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 26/11/12-17/12/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | tal-lira | €12.00 | €12.00 | d | pf | cups for kitchenette | 24/11/12 | 120183 | | | | 9329 |
| 2 | ganaja | €572.72 | €572.72 | t | pf | pavements triq mons mikiel azzopardi | 25/08/12 | 2a-12 | | | | 9345 |
| 3 | ganaja | €354.81 | €354.81 | t | pf | pavements qajjied | 25/08/12 | 2b-12 | | | | 9345 |
| 4 | ganaja | €1,004.76 | €1,004.76 | t | pf | pavements dun manwel zammit | 25/08/12 | 2c-12 | | | | 9345 |
| 5 | pierre farrugia | €38.20 | €38.20 | d | pf | minerals | 22/11/12 | 92 | | 164/12 | | 9343 |
| 6 | smart office supplies | €159.54 | €159.54 | d | pf | toner | 20/11/12 | ############ | | 161/12 | | 9342 |
| 7 | mita | €37.52 | €37.52 | d | pf | support services 15/5/12 | 16/11/12 | 27150 | | | | 9341 |
| 8 | method8solutions | €402.14 | €402.14 | d | pf | tutoring of photoshop course KLZ | 04/11/12 | 135 | | | | 9340 |
| 9 | karmenu camilleri | €30.00 | €30.00 | d | pf | supply of grapes for festa gheneb | 20/11/12 | 01-Dec | | | | 9339 |
| 10 | guard&warden | €26.55 | €26.55 | d | pf | service 18/11/12 dog walk | 19/11/12 | 29-Sep | | | | 9338 |
| 11 | tdp | €80.00 | €80.00 | d | pf | trasport for disabled 22/4/12 | 20/04/12 | 2080 | | | | 9337 |
| 12 | wasteserv | €4,502.80 | €4,019.17 | d | pp | msw waste oct12 | 15/11/12 | 29151 | | | | |
| 13 | avantech | €5.50 | €5.50 | d | pf | 2 toner for photocopier | 16/11/12 | 158907 | | | | 9336 |
| 14 | regjun nofsinhar | €2,719.95 | €2,719.95 | d | pf | payments ltd jan-july12 | 15/11/12 | 01/06/2012 | | | | 9335 |
| 15 | vodafone | €131.15 | €131.15 | d | pf | 99762218 oct12 | 01/11/12 | | | | | 9334 |
| 16 | vodafone | €171.35 | €171.35 | d | pf | 99491670 oct12 | 01/11/12 | | | | | 9334 |
| 17 | j.gatt | €990.25 | €990.25 | t | pf | supervisor of works oct12 | 01/11/12 | 10-Dec | 49/09 | | | 9333 |
| 18 | mta | €1,000.00 | €1,000.00 | d | pf | embellishment tal-providenza festa holes | 09/11/12 | 102712 | | | | 9332 |
| 19 | stephen saliba | €150.00 | €150.00 | d | pf | 3 karozzini wirja agrarja | 12/11/12 | Jan-12 | | | | 9331 |
| 20 | louis stationery | €307.80 | €307.80 | d | pf | newspapers aug-nov12 | 25/11/12 | 299 | | | | 9330 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,697.04** | **€12,213.41** | | | *** payment on account** | | | | | | |
| | **Total** | **€12,697.04** | **€12,213.41** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 256 tal-26/11/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier

**Data:** **26/11/12-17/12/12**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | louis stationery | €210.80 | €210.80 | d | pf | stamps | 25/11/12 | 298 | | | | 9330 |
| 22 | xuereb bros | €3,257.91 | €3,257.91 | t | pf | increase in fuel expenses april11-dec12 | 26/11/12 | 7890827 | | | | 9328 |
| 23 | xuereb bros | €2,341.83 | €2,341.83 | t | pf | increase in fuel expenses jan-june12 | 26/11/12 | ############ | | | | 9328 |
| 24 | | | | | | | | | | | | |
| 25 | | | | | | | | | | | | |
| 26 | | | | | | | | | | | | |
| 27 | | | | | | | | | | | | |
| 28 | | | | | | | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,810.54** | **€5,810.54** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,697.04** | **€12,213.41** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,507.58** | **€18,023.95** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 256 tal-26/11/2012**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier